**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Francis Tabone**

Numru: 471/2016

Illum 6 ta' Lulju 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Francis Tabone,** ta' hamsin (50) sena, iben Dionisio u Rose nee' Farrugia, imwieled Rabat, Ghawdex fis-27 ta' Mejju 1966, u residenti fil-fond 'Ave Maria', Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 18166(G), akkuzat talli nhar id-19 ta' Lulju 2016, f'xi hin bejn 16.45hrs u 17.30hrs, waqt li kien qieghed fi Pjazza San Gorg, Rabat, Ghawdex u/jew fil-vicanzi;

1. Ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Dione Lautier, hekk kif certifikat minn Dr. Kevin Galea B.Ch.D;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u glied;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' xi siggijiet ghad-dannu ta' Dione Lautier, liema hsara ma teccedix aktar minn mitejn u hamsin ewro (€250);

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmi Dione Lautier u l-familja tieghu, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412 C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Il-Qorti giet gentilment ukoll mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Dione Lautier u l-familja tieghu u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taghhom nnifishom taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat illi waqt is-seduta tal-10 ta' Mejju 2017 il-Qorti semghet sottomissjonijiet da parte ta' Dr. Mario Scerri ghall-imputat u ta' Dr. Jean Paul Grech ghall-parte civile.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Il-fatti specie tal-kaz**

L-imputat u l-kwerelant jiggestixxu negozju qrib xulxin fi Pjazza San Gorg, Rabat, Ghawdex. L-incident bejn iz-zewg persuni sehh fid-19 ta' Lulju 2016 wara li kien allegat li thalla xi skart mill-haddiema tal-Water Services Corporation (WSC) u minn argument bil-fomm spicca sehh l-incident fejn iz-zewg persuni sofrew griehi.

**Legittima difesa**

Id-difiza sostniet li dan hu proprju kaz ta' legittima difesa, u ghalhekk il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-Gurisprudenza u Ligi dwar din id-difiza sabiex tara jekk il-fatti specie ta' dan il-kaz jaqghux taht din id-difiza.

Illi kif inhu ben saput, il-gustifikazzjoni ghal-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva, l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difeza trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkrejata unikament mhux minn min jaddotta dak it-tip ta' difiza, izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu imminenti.

Fil-fatt l-**artikolu 233** tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid: "*Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.*"

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulziija vs Joseph Psaila** fejn dik il-Qorti rriteniet is-segwenti:

> "*Id-dritt ghal-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu ikun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista' jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa*

> *legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il- mument li qed jsehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv, kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'seta' ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa b'uzu tal-azzjoni. Fil-fatt kif jghid il-**Professur Mamo fin-*Noti*** tieghu:

> *"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

Wiehed ghalhekk irid ipoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni u stat mentali u psikologiku tal-imputat difensur meta agixxa b'dak il-mod fic-cirkostanzi, kif seta' hassu dak il-hin u mument cioe' jekk kienx imbezza' u /jew panikuz.

Fl-ahhar nett biex l-imputat ikun jista' jigi gustifikat ghal kollox, fid-difesa legittima huwa m'ghandux jaddotta metodi li huma in eccess jew minaccja ta' perikolu. Izda anke hawn u partikolarment fil-kaz in ezami, ghandu wkoll jigi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu, cioe' l-imputat. Rinfaccat b'perikolu serju u imminenti, kif haseb hu f'dak il-mument, wiehed ma jistax jippretendi li kellu jzomm il-kalma u fil-fatt il-Ligi stess f'cirkostanzi bhal dawn taccetta miskalkolazzjonijiet u *errors of judgment*. Il-Ligi fil-fatt tipprovdi li l-ebda piena ma tigi inflitta

f'kazijiet anke fejn bniedem jeccedi l-Ligi, f'kaz li jkun necessarju li jiddefendi lilu nnifsu u/jew terzi, fejn tali eccess ikun dovut ghal perikolu imminenti li hu jsib ruhu rinfaccat bih jew minhabba biza' jew twerwir (*fear or fright)*.

F'dan il-kaz l-imputat agixxa sabiex jiddefendi lilu nnifsu minn Dione Lautier. Kif inhuwa ben risaput, fil-kamp kriminali, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. F'dan l-istat tal-provi prodotti, din il-Qorti ma ghandiex dubju li kien il-parte civile, wahdu li aggredixxa lill-imputat l-ewwel, ghal xejn b'xejn, u dan agixxa in legittima difeza.

Ghaldaqstant din id-difiza, qed tigi milqugha fir-rigward tal-ewwel (1) akkuza fejn l-imputat gie akkuzat li kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Dione Lautier.

Dwar it-tieni (2) akkuza, u cioe' dik kontravenzjonali li huwa kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied, m'hemmx dubju li din tirrizulta ppruvata.

Dwar it-tielet (3) akkuza ma ngabux provi dwarha u ghalhekk l-imputat mhux se jinstab hati dwarha.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 221, 325 u 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li l-imputat Francis Tabone kien gustifikat li agixxa b'dak il-mod tal-legittima difesa ghalih innifsu, u stante li din il-**

**versjoni ta' difiza u eccezzjoni qed tigi milqugha, tara li l-imputazzjonijiet kontra l-imputat, u cioe' li kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Dione Lautier u li volontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta' Dione Lautier ma gewx ippruvati sufficjentement u ghalhekk ma ssibux hati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni izda ssibu hati tat-tieni (2) kontravenzjoni u tikkundannah ammonizzjoni u twissija (R&A).**

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tobbliga lill-imputat, taht penali, li ma jkellimx lil Dione Lautier ghal perjodu ta' zmien, il-Qorti rat li din il-Qorti lliberatu minn dawk l-akkuzi li jikkoncentraw lil Dione Lautier u ghalhekk qed tichad tali talba.

______________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**